# KUNSILL LOKALI
# IL-MUNXAR

# RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2025

**WERREJ**


| | |
|---|---|
| 1. REVIŻJONI TAX-XOGĦLIJIET | 2-5 |
| 2. IL-KUNSILL | 6 |
| 3. VARJAZZJONIJIET FID-DĦUL U L-INFIQ | 7-9 |
| 4. DIKJARAZZJONI RIKONĊILJATORJA BANKARJA | 10-11 |
| IR-RAPPORTI DWAR IL-ĦIDMA TAL-MEMBRI TAL-KUNSILL | |


*Ippreparat minn Ryan Debrincat*

## *1. Reviżjoni tax-Xogħlijiet*

F'dan ir-rapport ser inkunu qed nagħtu ħarsa lejn ix-xogħol u l-progress li għamel il-Kunsill Lokali Il-Munxar matul l-aħħar sena ta' ħidma. Dan ir-Rapport Amministrattiv hu għas-sena 2025.

**OFFERTI GĦAL XOGĦLIJIET, MATERJAL U SERVIZZI**

Matul is-sena 2025, ġew ippubblikati dawn is-sejħiet għall-offerti:

- Kummissjoni ta' Bust tal-Bronż tal-Professur Ġuże' Aquilina;
- It-Tneħħija u t-Tħawwil tas-Siġar tal-Palm;
- Provvista u Installazzjoni ta' Bankijiet tal-Ġebla tal-Qawwi (*hardstone*) u t-Tneħħija ta' Bankijiet Eżistenti;
- Provvista, Kunsinna, u Installazzjoni ta' Dwal Dekorattiv fi Triq ir-Rumani u Triq il-Kavallieri, Xlendi.

**IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL**

Bħal kull Kunsill Lokali ieħor f' Malta u f'Għawdex, il-Kunsill tal-Munxar huwa responsabbli minn diversi funzjonijiet obbligatorji u dawn huma fost l-oħrajn:

- Is-superviżjoni tal-ġbir tal-iskart domestiku, riċiklabbli u tal-ħġieġ bieb bieb;
- Servizz ta' ġbir tal-iskart goff;
- *Bring-in site* għas-separazzjoni tal-iskart fix-Xlendi;
- It-tindif u ż-żamma fi stat tajjeb tat-toroq, il-latrini pubbliċi, il-ġonna u l-postijiet ta' rikreazzjoni, is-sinjali u l-marki stradali tat-traffiku;
- It-tiswija tal-lampi tat-toroq;
- Komunikazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti biex isiru xogħlijiet u proġetti kif ukoll estensjoni ta' xi servizzi fil-lokalita`;
- Organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali, sportivi u edukattivi;
- Tħaris tal-ambjent naturali u urban tal-lokalità.

## *1. Reviżjoni tax-Xogħlijiet*

### ĦIDMA SOĊJALI

Ser insemmu wħud mill-attivitajiet li ġew organizzata fil-qasam soċjali :

- Ħarġiet kulturali f'Malta u f'Għawdex għan-nies u t-tfal tal-lokalita`;
- Sessjonijiet ta' *Fitness* u *Keep Fit* għall-adulti u l-anzjani;
- *Streaming* tal-laqgħat *online*;
- Saret Attivita' b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Reġjonali Għawdex biex tfakkar lill-Professur Ġuże Aquilina fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina fil-Munxar.
- Ġie varat il-Kunsill Lokali tat-Tfal bl-inizjattiva tal-Fondazzjoni ta' Malta għall-Ġid tas-Soċjetà;
- Saret l-attivita' tal-Karnival fil-Pjazza tal-Knisja;
- Fuq inizjattiva tal-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar ġie varat il-*Gozo Album* fuq is-sit tal-Kunsill Lokali b'ritratti tal-passat riflessi fil-preżent;
- Saret ir-raba' edizzjoni tal-*Fireworks and Gastronomy Festival*;
- Kunċert mużikali fil-jiem ta' qabel il-Festa ta' San Pawl Nawfragu fil-Pjazza tal-Knisja;
- L-organizzazzjoni ta' Festa Tfal fil-jiem ta' qabel il-Festa ta' San Pawl Nawfragu;
- Kollaborazzjoni mal-iskola primarja Gozo College Ġuże' Aquilina f'attivitajiet varji;
- Fix-xhur tas-sajf, ġiet organizzata l-Fjakkolata Tradizzjonali fix-Xlendi kif ukoll programm sħiħ ta' "I Love Xlendi Summer Events 2024" b'kollaborazzjoni mal-Ministeru Għal Għawdex u l-Ippjanar;
- Kollaborazzjoni fil-Ġostra Tradizzjonali li ssir fil-bajja tax-Xlendi;
- Kollaborazzjoni fl-attivita' *Gozo Ceramics Festival*;
- B'inizjattiva tal-Kunsill Reġjonali Għawdex, ospitajna grupp ta' tfal mill-Ukraina għall-ġurnata;
- B'kollaborazzjoni mal-għaqdiet volontarji tal-lokalita' ġiet organizzata s-seba' edizzjoni ta' *Xlendi Sunset Festival*;
- B'kollaborazzjoni mal-Kunsill Reġjonali Għawdex, ġiet organizzata attivita' kulturali *Il-Baħar X'Ra* fix-Xlendi;
- Attivita' fl-okkażjoni tal-World Clean Up Day;
- Il-Kunsill ikkollabora u għen finanzjarjament fil-*musical* "L-Appostlu tal-Ġnus" imtella' mis-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin;
- Kollaborazzjoni f'attivita' soċjali ma' Munxar Falcons FC bis-sehem tal-kantant veteran Freddie Portelli;
- Attivita' tat-tberik tal-annimali bis-sehem tal-Mellieħa Scouts Band;

## *1. Reviżjoni tax-Xogħlijiet*

- B'kollaborazzjoni mal-Kunsill Reġjonali Għawdex, ospitajna grupp ta' studenti mis-Seminarju Minuri li ingħataw opportunita' li jżuru postijiet ta' interess fil-lokalita';
- Fakkarna Jum Il-Munxar, it-12 ta'Diċembru. Saret quddiesa fil-Knisja Parrokkjali tal-Munxar u wara serata tal-okkażżjoni fiċ-Ċentru Parrokkjali. Din is-sena bħal kull sena ingħata l-premju Ġieh Il-Munxar kif ukoll rikonoxximent lil dawk li ħadu sehem fil-kors tal-bini ta' presepji organizzat mill-Kunsill;
- Tiżjin tal-Milied fit-toroq tal-Munxar u tax-Xlendi;
- Programm t'attivitajiet fi żmien il-Milied fosthom attivita' soċjali fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar bis-sehem ta' gruppi ta' żfin u korijiet tat-tfal, it-tqassim ta' rigali għat-tfal minn *Father Christmas* wara l-inizjattiva 'Ittra lill-Father Christmas', ħarġa għat-tfal bit-*trackless train* u film ġewwa Citadel Cinema, ħarġa soċjo-kulturali f'Għawdex fejn żorna diversi presepji u wirijiet tal-Milied, kif ukoll it-tqassim ta' ikla b'xejn lill-anzjani li jgħixu waħedhom nhar Jum il-Milied;

## *1. Reviżjoni tax-Xogħlijiet*

**PROĠETTI U XOGĦLIJIET OĦRA**

- Matul is-sena 2025, il-Kunsill iffinalizza x-xogħlijiet infrastrutturali tal- proġett ta' tisbiħ fid-daħla tar-raħal fi Triq Santa Dminka fil-Munxar.
- Xogħol ta' manutenzjoni fuq il-pavimentar fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar;
- Permezz ta' fondi ewropej, il-Kunsill Lokali implimenta xogħlijiet ta' tisbieħ fix-Xlendi li jinkuldu bdil tal-*picnic tables* u tal-bankijiet ta' matul ix-xtajta tax-Xlendi, kif ukoll akkwist u nstallazzjoni ta' erba' qsari miksija bil-mużajk. F'dan il-proġett, il-Kunsill issieħeb mal-għaqdiet volontarji tal-lokalita' fejn ġie akkwistat minnhom tagħmir sportiv kif ukoll immodernizzar tas-sistema piroteknika fost affarijiet oħra;
- Xogħol infrastrutturali sabiex jiġi nstallat bust tal-Professur Ġuże' Aquilina fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina. Saret ukoll l-inawgurazzjoni ta' dan il-bust bis-sehem tat-tfal tal-iskola primarja Gozo College Ġuże' Aquilina fil-preżenza ta' familjari tal-istess Professur.
- Żbir ta' diversi siġar u qtugħ ta' ħaxix fil-lokalita';
- Xogħol ta' żamma u manutenzjoni f'diversi partijiet fil-lokalita';
- Manutenzjoni ta' ġonna u *soft areas*;
- Kostruzzjoni ta' diversi bankini fil-Munxar u fix-Xlendi;
- Bdilna għadd ta' tabelli tat-traffiku u ta' informazzjoni;
- Bdilna diversi mirja tat-traffiku miksura u waħħalna oħrajn ġodda;
- Fuq talbiet ta' residenti, waħħalna numru ta' bozoz ġodda;
- Flimkien mal-ħaddiema tal-Beach Cleaning Section fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex saru xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-bajja tax-Xlendi;
- Manutenzjoni ta' diversi bankijiet li jinsabu fil-lokalita' u ġew installati oħrajn ġodda;
- Xogħol ta' *patching* fil-Munxar u fix-Xlendi.

Dawn ix-xogħlijiet huma biss uħud mix-xogħlijiet li l-Kunsill Lokali Il-Munxar kien impenjat jaħdem fuqhom matul din l-aħħar sena ta' ħidma. Nemmnu li dawn ix-xogħlijiet u oħrajn għenu biex kompla jitjieb l-ambjent kemm fil-Munxar kif ukoll fix-Xlendi.

**Damien Spiteri**
**Sindku**

**Ryan Debrincat**
**Segretarju Eżekuttiv**

# ATTENDENZA FIL-LAQGĦAT STATUTORJI TAL-KUNSILL

Numru ta' laqgħat fis-sena 2025: 14

| Pożizzjoni | Attendenza tal-Laqgħat |
|---|---|
| **Sindku** | |
| Damien Spiteri | 93% |
| **Viċi-Sindku** | |
| Carmela Parnis | 93% |
| **Kunsilliera** | |
| John Farrugia | 86% |
| Mark Busuttil | 64% |
| John Cassar | 93% |
| **Segretarju Eżekuttiv** | |
| Ryan Debrincat | 100% |

Il-membri tal-Kunsill li m'attendewx il-laqgħat statutorji kienu dejjem skużati minn dawk preżenti.

## 3. *Varjazzjonijiet Fid-Dħul u l-Infieq*

### 3.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet Konsolidati tad-Dħul u l-Infiq

| | a | b | c | a-b/b-a | a-c/c-a |
|---|---|---|---|---|---|
| DESKRIZZJONI | 2025 ATTWALI € | 2025 BUDGET € | 2024 ATTWALI € | 2025 BUDGET VAR € | 2025 ATTWALI VAR € |
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | 356,513 | 344,020 | 365,298 | 12,493 | (8,785) |
| Bye-laws | 22,312 | 30,000 | 18,812 | (7,688) | 3,500 |
| Investiment | 20 | 50 | 24 | (30) | (4) |
| TOTAL | **378,845** | **374,070** | **384,134** | **4,775** | **(5,289)** |
| **Infieq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | 139,780 | 122,318 | 119,523 | (17,462) | (20,257) |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 198,775 | 198,750 | 238,384 | (25) | 39,609 |
| Infieq Kapitali | 34,772 | 47,569 | 98,992 | 12,797 | 64,220 |
| TOTAL | **373,327** | **368,637** | **456,899** | **(4,690)** | **83,572** |
| **Bilanċ** | **5,518** | **5,433** | **(72,765)** | **85** | **(88,861)** |

## 3. *Varjazzjonijiet Fid-Dħul u l-Infieq*

### 3.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-Dettall

| DESKRIZZJONI | a<br>2025<br>ATTWALI<br>€ | b<br>2025<br>STIMA<br>€ | c<br>2024<br>ATTWALI<br>€ | a-b<br>2025<br>BUDGET<br>VAR<br>€ | a-c<br>2025<br>ATTWALI<br>VAR<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | | | | | |
| Annwali | 299,020 | 299,020 | 346,223 | | (47,203) |
| Supplimentari | 57,493 | 45,000 | 19,075 | | 38,418 |
| Bżonnijiet Speċjali | | | | | |
| Entitajiet Pubbliċi/Governattivi | | | | | |
| Oħrajn | | | | | |
| | **356,513** | **344,020** | **365,298** | | **(8,785)** |
| Bye-Laws | | | | | |
| Servizzi Komunitarji | | | 12,205 | | (12,205) |
| Kontravvenzjonijiet ta' bye-laws | 12,577 | 12,000 | 1,887 | 577 | 10,690 |
| Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | | | | | |
| Ġenerali | 9,735 | 18,000 | 4,720 | (8,265) | 5,015 |
| | **22,312** | **30,000** | **18,812** | **(7,688)** | **3,500** |
| Investiment | | | | | |
| Interess Bankarju | 20 | 50 | 24 | (30) | (4) |
| Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | **20** | **50** | **24** | **(30)** | **(4)** |
| **TOTAL** | **378,845** | **374,070** | **384,134** | **(7,718)** | **(5,289)** |

## *3. Varjazzjonijiet Fid-Dħul u l-Infieq*

### 3.3 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-Dettall

| | a | b | c | b-a | c-a |
|---|---|---|---|---|---|
| DESKRIZZJONI | 2025<br>ATTWALI<br>€ | 2025<br>STIMA<br>€ | 2024<br>ATTWALI<br>€ | 2025<br>BUDGET<br>VAR<br>€ | 2025<br>ATTWALI<br>VAR<br>€ |
| **Infçq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | | | | | |
| Onorarja tas-Sindku | 11,503 | 11,503 | 11,330 | | (173) |
| Salarji u pagi ta' l-impjegati | 93,885 | 82,451 | 81,168 | (11,434) | (12,717) |
| Bonus | 7,841 | 7,150 | 5,973 | (691) | (1,868) |
| Dħul Supplimentari | 724 | 727 | 727 | 3 | 3 |
| Kontribuzzjonijet ta' Sigurta Soċjali | 7,726 | 6,987 | 7,325 | (739) | (401) |
| 'Allowances' | 18,000 | 13,000 | 13,000 | (5,000) | (5,000) |
| 'Overtime' | 101 | 500 | | 399 | (101) |
| | **139,780** | **122,318** | **119,523** | **(17,462)** | **(20,257)** |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | | | | | |
| Dawl, ilma, telefon,etc. | 8,823 | 9,500 | 12,277 | 677 | 3,454 |
| Xiri ta' Materjal (Materials & Supplies) | 1,209 | 1,000 | 504 | (209) | (705) |
| Tiswijiet u manutenzjoni | 31,834 | 45,000 | 49,395 | 13,166 | 17,561 |
| Kera | 5,232 | 3,700 | 9,739 | (1,532) | 4,507 |
| Sħubija f'Assoċjazzjonijiet Int. | 600 | 750 | 500 | 150 | (100) |
| Spejjeż tal-Uffiċċju | 7,443 | 5,000 | 6,234 | (2,443) | (1,209) |
| Trasport | 6,410 | 5,500 | 4,232 | (910) | (2,178) |
| Vjaġġar/safar | | | | | |
| Informazzjoni għall-Pubbliku | 75 | 150 | 45 | 75 | (30) |
| Servizzi b' Kuntratt | 31,539 | 50,650 | 79,303 | 19,111 | 47,764 |
| Servizzi Professjonali | 19,485 | 20,500 | 19,538 | 1,015 | 53 |
| Training | | 500 | | 500 | |
| Ospitalita u servizzi lill-Komunita` | 74,429 | 56,000 | 54,414 | (18,429) | (20,015) |
| Spejjeż Inċidentali | 11,696 | 500 | 2,203 | (11,196) | (9,493) |
| | **198,775** | **198,750** | **238,384** | **(25)** | **39,609** |
| Infieq Kapitali | | | | | |
| Xiri ta' proprjeta` | | | | | |
| Bini | | | | | |
| Titjib | | | | | |
| Makkinarju u Apparat | 7,248 | 6,704 | 536 | (544) | (6,712) |
| Proġetti Speċjali | 27,524 | 40,865 | 98,456 | 13,341 | 70,932 |
| | **34,772** | **47,569** | **98,992** | **12,797** | **64,220** |
| **TOTAL** | **373,327** | **368,637** | **456,899** | **(4,690)** | **83,572** |

## *4. Dikjarazzjoni Rikonċiljatorja Bankarja*

### **Kont HSBC Bank Account** 071-115034-001

| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 533,023.94 |
|---|---|
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2025 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 25,246.50 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **558,270.44** |

| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2025** | 558,270.44 |
|---|---|
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2025 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2025 | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 558,270.44 |

### **Kont Bank of Valletta Savings** 12415297027

| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 5,625.68 |
|---|---|
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2025 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 5,625.68 |

| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2025** | 5,625.68 |
|---|---|
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2025 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2025 | 0 |
| Bilanċ Nett tal-Bank | 5,625.68 |

## *4. Dikjarazzjoni Rikonċiljatorja Bankarja*

**Kont Bank of Valletta Current – LC Other Entities** 50018619970

| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 95.56 |
|---|---|
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2025 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 95.56 |

| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2025** | 95.56 |
|---|---|
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2025 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2025 | 0 |
| Bilanċ Nett tal-Bank | 95.56 |